TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 378/10

**Gaetano Refalo**

**vs**

**Manuel Chircop**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħames mija u sebgħa u tletin ewro, u tmienja u sittin ċenteżmi (€537.68), rappreżentanti ħlasijiet li għamel fuq suġġerimenti tal-intimat lil kumpanija estera sabiex ikollu roħs fuq vjaġġi.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma kienu ġew imħajrin mill-intimat sabiex jidħlu fl-iskema li jagħmlu kontribut fix-xahar u jkollhom roħs meta jivvjaġġaw, li fil-fatt ikollu cruise u jekk ma jieħux il-cruise, skond ir-rikorrenti, l-intimat kien se jagħtih il-flus lura.

L-intimat issottometta li l-flus qatt ma ħadhom hu u li dan kien ġie ngannat u ma setax ikompli bin-negozju.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi hemm ċertu responsabilta' da parte tal-intimat illi hu jħajjar lin-nies sabiex jidħlu fl-iskemi li qatt ma javveraw ruħhom u li għandu xogħol ta' responsabilta'.

Min-naħa l-oħra jirriżulta li l-intimat ma ħax il-flus.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' mitejn u tmienja u sittin ewro, u erbgħa u tmenin ċenteżmi (€268.84), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888